MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 1152/2009

**Illum 6 ta' Marzu 2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Trisa Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru76781(m) akkuzata talli f'Awissu 2008 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, s-somma ta' iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329 euro), ghad-dannu ta' Scotts Ltd, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi

jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, kariga jew servizz taghha;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' flus mill-istabbiliment Scotts Supermaket gewwa tas-Sliema proprjeta' ta' l-istess Scotts Ltd, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-hin;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati bghat lill-imputata biex tigi ggukata minn dina l-Qorti dwar il-htija jew in-nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputatzzjonijiet jippotizzaw l-approprjazzjoni indebita u s–serq impernjati fuq is-segwenti fatti: l-imputata kienet fl-impieg ma' 'Scott's Supermarket' fil-branka taghha ta' Tas-Sliema. L-impieg taghha ssokta f'Awissu 2008 u ntemm f'Awissu tas-sena sussegwenti fuq suspett, aktar minn fondat, mid-diretturi tal-imsemmi negozju, li l-imputata kienet qeghdha tberbex flus mill-bejgh ta' prodotti li kienu jinxtraw mill-konsumaturi. L-imputata kienet wahda mill-kaxxiera impiegata f'dan l-istabiliment. Dan il-fatt jinsab pruvat anka mill-ammissjoni tal-imputata stess meta ghazlet li tixhed indipendentement mill-istqarrija taghha rilaxxjata lill-Pulizija li l-Qorti appositament mhux qeghdha tehodha in konsiderazzjoni.

Tabilhaqq, u indipendentement minn kollox, il-provi indubjament iwasslu sal konvinciment morali li kien hemm tberbix safejn jikkoncerna l-imputata. Il-'modus operandi' kien li mit-transazzjonijiet annulati kien hemm fosthom li kienu qeghdin jigu annullati propositament biex isir it-tberbix. Meta xehed wiehed mid-diretturi tas-socjeta' li kien direttament involut fl-evalwazzjoni u l-esercizzju komparattiv tal-imsemmija transazzjonijiet annullati spiega li dan irrisulta minn ezami li sar bejn l-10 ta' April 2008 u d-19 ta' Awissu tal-istess sena. Zied jghid li s-somma komplessiva identifikata bhala li kienet ittiehdet tammonta ghal circa tlettax-il-elf euro. L-imputata tammetti li kienet tiehu xi flus izda tinnega li setghaw kienu f'dak l-ammont imsemmi mis-socjeta'. F'dan il-kuntest il-Qorti tistqarr li trattasi ta' esercizzju alkwantu ikkomplikat hi tal-fehma li tali mhux ta' kompetenza taghha fis-sens li semmai ghandu jsir f'foro aktar adatt, ossija f'proceduri civili.

Intant, l-imputata tinsab akkuzata ta' approprjazzjoni indebita u serq fuq l-istess matrici ta' tberbix kif fuq spiegat - imputazzjonijiet dawn li jinnewtralizzaw lil xulxin fis-sens li jew tissusti wahda jew l-ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li hawn si tratta ta' serq aggravat bil-valur u persuna b'dan l-ahhar aggravju li gie eskluz fic-citazzjoni fl-liema hemm citat l-aggravju tal-hin li izda mill-provi ma jirrisultax.

Ghaldaqstant, qeghdha taqta’ u tiddecidi l-kawza billi ssib l-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni, ossija ta’ serq aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija disa u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi. Rat l-Artikolu 261(c) u 279(a) tal-Kap 9. Tikkundanna lill-imputata ghal sitt xhur prigunerija li qeghdha tissospendi ghall-perjodu ta’ sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kap.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------